



Brussell, 28 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14734/24

Fajl Interistituzzjonal:
2022/0404(COD)

CODEC 1965
EF 323
ECOFIN 1177
SURE 29
PE 238

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2009/65/UE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 fir-rigward tat-trattament tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jiġi minn kontropartijiet ċentrali u r-riskju tal-kontroparti fuq tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklerjati ċentralment
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u l-Proċedura ta' rettifikasi (Strażburgu, 24 ta' April 2024 u 22 ta' Ottubru 2024)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arrangiamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntati informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl leġiżlattiv fl-ewwel qari.

Dan il-fajl kien mistenni² jgħaddi mill-Proċedura ta' rettifikasi³ fil-Parlament Ewropew wara li l-Parlament Ewropew li temm il-mandat tiegħu adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

² 10078/24.

³ Ir-Regola 251, Regoli ta' Proċedura tal-PE.

II. VOTI

Fis-seduta tiegħu tal-24 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-emenda tnejn (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) għall-proposta tal-Kummissjoni u riżoluzzjoni leġiżlattiva, li jikkostitwixxu l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Hija tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru b'mod proviżorju bejn l-Istituzzjonijiet.

Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, fit-22 ta' Ottubru 2024 il-Parlament Ewropew approva rettifika għall-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari.

B'din ir-rettifika, il-Kunsill għandu jkun jista' japrova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness^{4*} ta' dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

⁴ It-test tar-rettifika jinsab fl-Anness. Huwa ppreżentat fil-forma ta' test ikkonsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "█" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kolloks mal-verżjoni EN.

P9_TA(2024)0349

Trattament tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jiġi minn kontropartijiet ċentrali u r-riskju tal-kontroparti fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklerjati ċentralment

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2009/65/UE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 fir-rigward tat-trattament tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jiġi minn kontropartijiet ċentrali u r-riskju tal-kontroparti fuq tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklerjati ċentralment (COM(2022)0698 – C9-0411/2022 – 2022/0404(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2022)0698),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 53(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0411/2022),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' April 2023¹,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsab bli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżtant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Frar 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0399/2023),
 1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 204, 12.6.2023, p. 3.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-24 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 fir-rigward tat-trattament tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali u tar-riskju tal-kontroparti fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklerjati ċentralment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 204, 12.6.2023, p. 3.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024.

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ sett uniformi ta' regoli sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tal-kontroparti fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi mwettqa minn impiċċi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), fejn tali tranżazzjonijiet ikunu ġew ikklerjati minn **kontroparti ċentrali (CCP)** li tkun awtorizzata jew rikonoxxuta f'konformità ma' dak ir-Regolament. Id-Direttiva 2009/65/KE timponi limiti regolatorji fuq ir-riskju tal-kontroparti biss **fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi barra l-borża (OTC)**, irrispettivamente minn jekk id-derivattivi jkunux ġewx ikklerjati ċentralment. Billi l-arranġamenti tal-ikklerjar ċentrali jtaffu r-riskju tal-kontroparti li huwa inerenti f'kuntratti ta' derivattivi, huwa meħtieġ li jitqies jekk derivattiv ikunx ġie kklerjat ċentralment minn CCP li hija awtorizzata jew rikonoxxuta f'konformità **mar-Regolament (UE) Nru 648/2012** u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn id-derivattivi nnegozjati fil-borża u dawk OTC, meta jiġu ddeterminati l-limiti applikabbi tar-riskju tal-kontroparti. Huwa meħtieġ ukoll, għal finijiet regolatorji u ta' armonizzazzjoni, li l-limiti tar-riskju tal-kontroparti jitneħħew biss meta l-kontropartijiet jużaw CCPs li huma awtorizzati jew rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jipprovd servizzi ta' kklerjar lill-membri tal-ikklerjar u lill-klijenti tagħhom.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

⁴ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impiċċi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

(2) Sabiex jingħata kontribut għall-objettivi tal-unjoni tas-swieq kapitali, huwa meħtieġ, għall-użu effiċċenti tas-CCPs, li jiġu indirizzati ċerti impedimenti għall-użu tal-ikklerjar ċentrali fid-Direttiva 2009/65/KE u li jiġu pprovduti kjarifiki fid-Direttivi 2013/36/UE⁵ u (UE) 2019/2034⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Id-dipendenza eċċessiva tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni fuq CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) tista' toħloq tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja li hemm bżonn li jiġi indirizzat kif xieraq. Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni u jittaffew b'mod adegwat ir-riskji potenzjali ta' kontaġju fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni, jenħtieġ għalhekk li jiġu introdotti miżuri xierqa sabiex jitrawmu l-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta mill-iskoperturi għas-CCPs. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 jiġu emendati sabiex iħeġġu lill-istituzzjonijiet u lid-ditti ta' investiment jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jadattaw il-mudelli tan-negozju tagħhom sabiex jiżguraw **konsistenza** mar-rekwiżiti l-ġoddha għall-ikklerjar introdotti bl-emendi għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jinsabu fir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u sabiex itejbu b'mod ġenerali l-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, filwaqt li jqisu wkoll in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-suq tagħhom. Filwaqt li l-awtoritatjiet kompetenti digħà **għandhom sett komprensiv ta' miżuri u setgħat superviżorji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet u tad-ditti ta' investiment, inkluż ir-rekwiżit li jkollhom** fondi propriji **addizzjonali** għal riskji li mhumiex koperti, jew li ma humiex koperti b'mod adegwat, mir-rekwiżiti ta' kapital eżistenti, jenħtieġ li **dak is-**

⁵ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

⁺ ĠU: jekk jogħġebok fit-test daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 41/24 (2022/0403(COD)) u fin-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikkazzjoni tar-Regolament, inkluż in-numru ELI.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċċenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni (ĠU...).

sett ta' miżuri u setgħat superviżorji jissaħħa b'għodod u setgħat addizzjonal u aktar spċifici taħt il-Pilastru 2 fil-kuntest tar-riskju ta' konċentrazzjoni eċċessiva li jirriżulta minn skoperturi għas-CCPs.

|

- (3) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiżgura li l-istituzzjonijiet ta' kreditu, id-ditti ta' investiment u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jimmonitorjaw u jimmilitigaw b'mod adegwat ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għas-CCPs tal-Grad 2 li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali u li telmina l-limiti tar-riskju tal-kontroparti għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi li jiġu kklerjati ċentralment minn CCP awtorizzata jew rikonoxxuta f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità [] kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2009/65/KE, 2013/36/UE u (UE) 2019/2034 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2009/65/KE

Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), jiżdied il-punt █ li ġej:

‘(v) “kontroparti ċentrali” jew “CCP” tfisser CCP kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).”;

(2) l-Artikolu 52 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-formulazzjoni introduttora hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-iskopertura għal riskju għal kontroparti tal-UCITS f'operazzjoni derivattiva li ma tiġix ikklerjata ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament ma għandhiex taqbeż: █”;

- (b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

- (i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limitu ta' 5 % stabbilit ***fil-paragrafu 1, l-ewwel*** subparagrafu, għal massimu ta' 10 %. Madankollu, jekk jagħmlu dan, il-valur totali tat-titoli trasferibbli u l-strumenti tas-suq monetarju miżmuma mill-UCITS fil-korpi emittenti, li f'kull wieħed minnhom tinvesti aktar minn 5 % tal-assi tagħha, ma għandux jaqbeż 1-40 % tal-valur tal-assi tagħha. Dik il-limitazzjoni ma għandhiex tapplika għal depożiti jew operazzjonijiet derivattivi magħmula ma' istituzzjonijiet finanzjarji soġġetti għal superviżjoni prudenzjali. █”;

- (ii) fit-tieni subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) esponenti li jirriżultaw minn operazzjonijiet derivattivi ***magħmulin ma' dak il-korp*** li ma jiġux ikklerjati ċentralment permezz ta' CCP awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament █.”

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2013/36/UE

Id-Direttiva 2013/36/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 74(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji li huma jew jistgħu jkunu esposti għalihom, *inklużi riskji tal-ESG f'perjodu ta' żmien qasir, medju u twil*, kif ukoll ir-riskju ta' konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

* Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).”;

(2) fl-Artikolu 76(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp ta’ ġestjoni jiżviluppa pjanijiet speċifiċi u miri kwantifikabbi f’konformità ***mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 7a*** tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jimmonitorja u jindirizza r-riskju ta’ konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali li joffru servizzi ta’ importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.”;

(3) fl-Artikolu 81, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw l-iżviluppi ***fil-prattiki*** tal-istituzzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju ta’ konċentrazzjoni tagħhom li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, inklużi l-pjanijiet żviluppati f’konformità mal-Artikolu 76(2), il-ħames subparagrafu ta’ din id-Direttiva, kif ukoll il-progress li sar fl-adattament tal-mudelli tan-negozju ***tagħhom għar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 7a*** tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.”;

(4) fl-Artikolu 100, jiżdied il-paragrafu █ li ġej:

“5. L-ABE, *f'kooperazzjoni mal-ESMA, għandu jiżviluppa linji gwida* f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru **1093/2010 biex tispecifica** metodoloġija konsistenti għall-integrazzjoni tar-riskju ta’ konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali fit-testijiet tal-istress superviżorji.

L-ABE għandha toħroġ il-linji gwida msemmi jin fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja].”;

(5) fl-Artikolu **104(1)**, jiżdied il-punt █ li ġej:

“(o) jitkolbu lill-istituzzjonijiet, *meta l-awtorità kompetenti tqis li jkun hemm riskju ta’ konċentrazzjoni eċċessiva li jirriżulta minn skoperturi għal kontroparti ċentrali,* inaqqsu l-iskoperturi għal *dik il-kontroparti* ċentrali jew jallinjaw mill-ġdid l-iskoperturi fil-kontijiet tal-ikklerjar tagħhom f'konformità mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 █ .”.

Artikolu 3
Emendi għad-Direttiva (UE) 2019/2034

Id-Direttiva (UE) 2019/2034 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- (34) “kontroparti ċentrali” jew “CCP” tfisser CCP kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;
- (35) “kontroparti ċentrali li tikkwalifika” jew “QCCP” tfisser “kontroparti ċentrali li tikkwalifika” jew “QCCP” kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (88), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

* Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.”;

(2) fl-Artikolu 26(1), il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

- “(b) proċessi effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rapportar tar-riskji li d-ditti tal-investiment huma jew jistgħu jkunu esposti għalihom, jew ir-riskji li huma joħolqu jew li jistgħu joħolqu għal oħrajn, inkluż ir-riskju ta’ konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;”;

(3) l-Artikolu **29(I)** huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-punt █ li ġej:

- “(e) sorsi materjali u effetti tar-riskju ta’ konċentrazzjoni li jirriżultaw minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali u kwalunkwe impatt materjali fuq il-fondi propriji.”;

(b) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ħames subparagrafu:

“Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-punt (e), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali jiżviluppa pjanijiet speċifiċi u miri kwantifikabbli f'konformità ***mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 7a*** tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jimmonitorja u jindirizza r-riskju ta’ konċentrazzjoni li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali li joffru servizzi ta’ importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.”;

(4) fl-Artikolu 36(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jimmonitorjaw l-iżviluppi ***fil-prattiki*** tad-ditti tal-investiment dwar il-ġestjoni tar-riskju ta’ konċentrazzjoni tagħhom li jirriżulta minn skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, inklużi l-pjanijiet żviluppati f’konformità mal-Artikolu 29(1) ta’ din id-Direttiva, kif ukoll il-progress li sar fl-adattament tal-mudelli tan-negozju ***tagħhom għar-rekwiżiti stipulati*** fl-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.”;

(5) l-Artikolu 39(2) huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introduttora hija sostitwita b’dan li ġej:

“Għall-finijiet tal-Artikolu 29, **■** l-Artikolu 36, l-Artikolu 37(3) u l-Artikolu **38** ta’ din id-Direttiva u tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) **2019/2033**, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom mill-anqas is-setgħat li ġejjin:”;

(b) jiżdied il-punt **■** li ġej:

“(n) jitkolbu ***lid-ditti tal-investiment*** inaqqsu l-iskoperturi għal kontroparti ċentrali jew jallinjaw mill-ġdid l-iskoperturi fil-kontijiet tal-ikklerjar tagħhom f’konformità mal-Artikolu 7a tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta l-awtorità kompetenti tqis li hemm riskju ta’ konċentrazzjoni eċċessiva li jirriżulta minn skoperturi għal dik il-kontroparti ċentrali.”.

Artikolu 4
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [**18-il xahar mid-data** tad-dħul fis-seħħ tar-regolament li jinsab fid-dokument 2022/0403(COD)]. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. **Il-metodi kif issir** dik ir-referenza **għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri**.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-*Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 6
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President